MT

BANK ĊENTRALI EWROPEW

# KOMUNIKAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW DWAR L-IMPOŻIZZJONI TA' SANZJONIJIET GĦALL-KSUR TA' L-OBBLIGI TA' RAPPURTAĠĠ TA' STATISTIKA TAL-KARTA TAL-BILANĊ

## 1. Introduzzjoni

L-Artiklu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru, 1998, dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew[1] jipprovdi li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu jkollu s-setgħa biex jimponi sanzjonijiet fuq l-aġenti tar-rappurtaġġ li huma suġġetti għall-obbligi ta' rappurtaġġ u li joqogħdu f'xi Stat Membru parteċipanti u li jonqsu biex jikkonformaw ma' l-obbligi li joħorġu minn dak ir-Regolament jew mir-regolamenti tal-BĊE jew mid-deċiżjonijiet li jiddefinixxu u jimponu l-obbligi ta' rappurtaġġ ta' statistika tal-BĊE.

L-Artiklu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jistabbilixxi s-sanzjonijiet massimi li l-BĊE jista' jimponi fuq l-aġenti tar-rappurtaġġ: fil-każ ta' xi ksur ta' l-obbligu tal-puntwalita`, piena kuljum li ma taqbiżx il-EUR 10 000, bil-piena totali ma taqbiżx il-EUR 100 000; fil-każ li l-informazzjoni statistika mogħtija m'hijiex korretta, mhux kompluta jew f'xi forma li ma tikkonformax ma' l-obbligu, piena li ma taqbiżx il-EUR 200 000; u fil-każ ta' xi ksur ta' l-obbligu biex tħalli lill-BĊE jew il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jivverifikaw il-preċiżjoni u l-kwalita` ta' l-informazzjoni statistika mogħtija, piena li ma taqbiżx il-EUR 200 000.

Fil-limiti msemmija hawn fuq, biex tiġi assigurata t-trasparenza tal-politika ta' sanzjoni tal-BĊE, din il-komunikazzjoni tispjega l-prinċipji li l-BĊE se jsegwi, mill-perjodu ta' referenza ta' Diċembru, 2004, għall-obbligi ta' rappurtaġġ ta' kull xahar, u mir-raba' perjodu ta' kull tlett xhur ta' l-2004 għall-obbligi ta' rappurtaġġ ta' kull tlett xhur, fl-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għall-ksur ta' l-obbligi ta' rappurtaġġ ta' statistika tal-karta tal-bilanċ minħabba nuqqas ta' konformita` ma' l-istandards minimi stabbiliti fl-Anness IV mar-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru, 2001, dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji[2].

---

1 ĠU L 318, 27.11.1998, pġ. 8.

2 ĠU L 333, 17.12.2001, pġ. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament BĊE/2003/10 (ĠU L 250, 2.10.2003, pġ. 17).

## 2. Prinċipji Ġenerali

Sanzjonijiet jistgħu jiġu applikati fil-każ ta' nuqqas ta' konformita` ma' standards minimi ta' trasmissjoni inkluża l-puntwalita` (ara l-Artiklu 7(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 u Sezzjoni 1 ta' l-Anness IV mar-Regolament BĊE/2001/13), u ma' standards minimi ta' preċiżjoni u konformita` konċettwali (ara l-Artiklu 7(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 u Sezzjonijiet 2 sa 4 ta' l-Anness IV mar-Regolament BĊE/2001/13).

Aġent tar-rappurtaġġ ikun konformi ma' l-istandards minimi tal-**puntwalita`** jekk jirrapporta l-karta tal-bilanċ tiegħu sa l-iskadenza stabbilita mill-BĊN relevanti (ara Sezzjoni 1(a) ta' l-Anness IV). Issir verifikazzjoni tal-konformita` ma' l-istandards minimi ta' puntwalita` biss fil-każ ta` karta tal-bilanċ li tissodisfa l-obbligi ta' rappurtaġġ **tekniċi** stabbiliti mill-BĊN (e.ż. fir-rigward tal-format) (ara Sezzjoni 1(b) sa (d) ta' l-Anness IV).

Aġent tar-rappurtaġġ ikun konformi ma' l-istandards minimi ta' **preċiżjoni** jekk id-data tal-karta tal-bilanċ tiegħu tissodisfa r-restrizzjonijiet kollha lineari (e.ż. subtotali jammontaw għal totali) u d-data hija konsistenti mal-frekwenzi kollha.

Aġent ta' rappurtaġġ jikkonforma ma' l-istandards minimi ta' **konformita` konċettwali** jekk id-data tal-karta tal-bilanċ tissodisfa d-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet imsemmija fir-Regolament BĊE/2001/13.

Għal dawn it-tipi ta' ksur, il-metodu li jiddetermina s-sanzjoni se jkun ibbażat skond il-prinċipji pprovduti fis-Sezzjonijiet 3 u 4 hawn taħt, fejn jibda bit-tnissil ta' ammont biex iservi ta' linja bażi, li imbagħad dan l-ammont jista` jitnaqqas jew jiżdied fil-kuntest ta' ċirkostanzi attenwanti jew aggravanti kif imsemmija fl-Artiklu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru, 1998, dwar is-setgħat tal-Bank Ċentrali Ewropew biex jimponi sanzjonijiet[3].

Eċċezzjonalment, il-BĊE jista' jiddeċiedi biex ma jissanzjonax xi ksur minħabba ċirkustanzi attenwanti partikolarment importanti.

Fil-każ ta' amministrazzjoni ħażina serja, il-BĊE mhux se jsegwi l-prinċipji pprovduti fis-Sezzjonijiet 3 u 4 hawn taħt, imma x'aktarx se jiddetermina s-sanzjoni każ b'każ, suġġett għall-prinċipju ta' proporzjonalita` u l-limitu tal-EUR 200 000 pprovdut fl-Artiklu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98. It-terminu 'amministrazzjoni ħażina serja' jirreferi għall-ksur ta' l-obbligi ta' rappurtaġġ mill-aġenti tar-rappurtaġġ bħal ma hu r-rappurtaġġ żbaljat maħsub u/jew grad insuffiċjenti ta' diliġenza jew kooperazzjoni biċ-ċar. Amministrazzjoni ħażina serja tinkludi s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) in-nuqqas sistematiku ta' konformita` ma' l-istandards minimi għar-reviżjonijiet;

(b) ir-rappurtaġġ żbaljat minħabba aġir frodjulenti;

(c) ir-rappurtaġġ sistematiku ta' data żbaljata;

(d) in-nuqqas sfaċċat għal kooperazzjoni mal-BĊN relevanti u/jew il-BĊE.

---

3 ĠU L 318, 27.11.1998, pġ. 4.

## 3. L-ammont biex iservi ta' linja bażi għas-sanzjoni applikata għall-ksur minbarra amministrazzjoni ħażina serja

Id-determinazzjoni tas-sanzjoni tibda mit-tnissil ta' ammont biex iservi ta' linja bażi. Dan l-ammont jirrifletti aspetti kwantitattivi. L-ammont biex iservi ta' linja bażi se jiżdied skond il-gravita` tal-ksur.

Fil-każ ta' ksur ta' l-obbligu tal-puntwalita`, il-gravita` tal-ksur se tiddependi fuq in-numru ta' ġranet ta' xogħol ta' dewmien fir-rigward ta' l-iskadenza stabbilita mill-BĊN relevanti. Barra minn hekk, l-ammont tas-sanzjoni se jvarja skond id-daqs ta' l-ekonomija ta' l-aġent tar-rappurtaġġ, imkejjel bit-total ta' l-attiv/passiv tal-karta tal-bilanċ tiegħu.

Fil-każ ta' inażettezza u/jew nuqqas ta' konformita` konċettwali, il-gravita` tal-ksur se tiddependi fuq id-daqs tad-diskrepanza bejn id-data tal-karta tal-bilanċ żbaljata u/jew mhux konformi konċettwalment u d-data eżatti u/jew konformi konċettwalment. Id-daqs tas-sanzjoni se jirrifletti wkoll id-daqs ekonomiku ta' l-aġent tar-rappurtaġġ. Fl-evalwazzjoni ta' ksur li għandu x'jaqsam ma' l-inażettezza u /jew in-nuqqas ta' konformita` konċettwali, il-BĊE mhux se jieħu in kunsiderazzjoni l-iżbalji minħabba xi aġġustamenti jew l-iżbalji insinifikanti. Barra minn dan, dwar in-nuqqas ta' konformita` konċettwali, reviżjonijiet ordinarji, i.e. reviżjonijiet mhux sistematiċi għas-serje rrappurtata fil-perjodu (xahar jew tliet xhur) wara l-ewwel rappurtaġġ, mhux se jiġu meqjusa bħala każijiet ta' nuqqas ta' konformita` konċettwali.

## 4. Ċirkustanzi aggravanti u attenwanti dwar ksur minbarra amministrazzjoni ħażina serja

L-ammont biex iservi ta' linja bażi għal xi sanzjoni se jkun aġġustat minħabba xi ċirkustanzi aggravanti u/jew attenwanti.

Is-sitwazzjonijiet li ġejjin huma eżempji ta' ċirkustanzi aggravanti kif imfisser fl-Artiklu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98, bħal:

(a) il-ksur repetut u/jew frekwenti;

(b) ir-rifjut għal kooperazzjoni jew il-kooperazzjoni ineffettiva;

(c) is-sanzjonijiet imposti minn qabel minn awtoritajiet oħra fuq l-istess aġent tar-rappurtaġġ u bbażati fuq l-istess fatti;

(d) il-profitti akkwistati mill-aġent tar-rappurtaġġ minħabba l-ksur.

Is-sitwazzjonijiet li ġejjin huma eżempji ta' ċirkustanzi attenwanti kif imfisser fl-Artiklu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98, bħal:

(a) id-diliġenza u l-kooperazzjoni effettiva murija mill-aġent tar-rappurtaġġ; partikolament, jekk l-aġent tar-rappurtaġġ ikompli biex jirrapporta data lill-BĊN;

(b) il-bona fede;

(c) il-lejalta` ta' l-aġent tar-rappurtaġġ fl-interpretazzjoni u s-sodisfazzjon ta' l-obbligi ta' rappurtaġġ;

(d) in-nuqqas ta’ l-impatt tal-ksur (e.ż. dwar il-ksur ta’ l-obbligu tal-puntwalita`, piena iżgħar se tiġi applikata jekk, minkejja li tard, l-aġent tar-rappurtaġġ jirrapporta d-data tal-karta tal-bilanċ tiegħu fil-ħin biex iħalli lill-BĊN jinkluduha fit-trasmissjoni ta’ l-aggregati nazzjonali lill-BĊE;

(e) il-ksur mhux frekwenti.